# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, l-Erbgħa 1 ta' Lulju, 2020**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 699/20TA**

**Anthony Cassar (ID no. 0344872M) u**
**Joseph Mary Cassar (ID no. 0316538M)**

**vs**

**Neville Montebello (ID no. 73881 M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Anthony Cassar u Joseph Mary Cassar tat-12 ta' Ġunju, 2020;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2020 li permezz tiegħu laqgħet it-talbiet tal-imsemmija provviżorjament;

Rat ir-risposta ta' Neville Montebello tad-19 ta' Ġunju, 2020;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-proċeduri;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet fis-seduta tat-23 ta' Ġunju, 2020;

Aċċediet fuq is-siti tal-partijiet fl-24 ta' Ġunju 2020;

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors waqt l-aċċess;

Rat li ir-rikors tħalla għal digriet *in camera* .

**Ikkunsidrat**

*Iż-żamma tad-distanza skont il-liġi.*

Fl-24 ta' Ġunju 2020, il-Qorti aċċediet fuq is-siti tal-partijiet fil-presenza tal-periti rispettivi tagħhom. Mill-provi li tressqu u minn dak li setgħet tikkonstata l-Qorti waqt l-aċċess irrisulta li d-distanza komminata minn artikolu 439 tal-Kodiċi Ċivili x'aktarx ma nżammitx. F'partijiet u mhux tul il-ħajt kollu pero' saru blajjet tal-konkos u anke saru pilastri tal-konkos.

Huwa ben risaput, u anke kif dejjem għallmu dawn il-Qrati, li l-mandat li jintalab taħt artikolu 873 tal-Kap 12 tal-liġijjiet ta' Malta huwa maħsub li jwaqqaf li ssir xi ħaġa u biex jordna li jitreġġa' lura dak li jkun sar (ara f'dan is-sens **digriet fl-ismijiet Kenneth Spiteri -vs- Vodafone Ltd tal-14 ta' Mejju 2020 per Imħallef Grazio Mercieca** u kif ukoll **Digriet fl-ismijiet James Pearsall -vs- Maurice Zarb Adami nomine tat-23 ta' Lulju 2001**).

Għalhekk sa fejn jirrigwarda l-ilment dwar iż-żamma ta' distanza dan ma hux ser jintalqa'. Dan qiegħed jingħad mingħajr ebda preġudizzju għal kull dritt ieħor li talvolta jista' jkollu r-rikorrent fir-rigward tas-sustanza tal-

pretensjoni tiegħu. Materja li jekk ikun il-każ, tista' biss tkun ikkunsidrata fil-fond u fil-mertu minn dik il-Qorti li tkun adita għal daqshekk. Dawn il-Qrati dejjem sostnew illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix.

*Irrimedjabbilita'*

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li minħabba li ma nżammitx id-distanza fuq imsemmija, huma mhux ser ikunu jistgħu jikkostruwixxu garage jew jiddemolixxu bini jekk jinqala' l-bżonn, apparti l-perikolu ċar ta' meta wieħed iħaffer viċin.

Waqt l-aċċess il-Qorti kkonstatat li sal-lum ir-rikorrenti ma soffrew ebda ħsarat fil-fondi tagħhom u dan meta d-distanza inkwistjoni ma nżammitx u saħansitra beda tiela' l-ewwel sular. Waqt l-aċċess il-Qorti kellha opportunita' tisma' lill-periti taż-żewġ naħat u ma rrisultax li jesisti l-perikolu lamentat.

Di piu', dwar dak li huwa dritt tar-rikorrenti li jiżviluppaw il-fondi tagħhom waqt l-aċċess l-abbli difensuri tar-rikorrenti rrilevaw li *"skont il-perit tagħhom, jekk ir-rikorrenti jiġu biex jiżvilupaw il-garaxx minn naħa tagħhom, huma ser jidħlu f'aktar spejjes minħabba li minn naħa l-oħra ma nżammitx id-distanza rikjesta mill-liġi*". F'dan ir-rigward intqal li ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe` telf ta'

qliegħ jew flus.  Di fatti, skond l-insenjament mogħti fid-**digriet finali fl-ismijiet Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et deċiża fit 13 ta' Mejju 2014, per Onor Imhallef Joseph R. Micallef**: *"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'remedju proċedurali kawtelatorju ieħor skond il-liġi"*.  Dan ifisser li dak li ser ikunu qed isofru r-rikorrenti u cioe' li jinkorru aktar spejjes biex jiżvillupaw il-propjeta' tagħhom ma jintitolahomx li jikkawtelaw din ix-xorta ta' pretensjoni b'dan ix-xorta ta' mandat.

Għalhekk minħabba r-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti mhux ser takkolji t-talbiet tar-rikorrenti biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat peress li ma jesistux l-elementi neċessarji fil-liġi biex tkun tista' tagħmel dan.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti fil-waqt li qed tirrevoka d-digriet provvizorju tagħha tat-12 ta' Ġunju 2020, qegħdha tiċħad fit-totalita' tagħhom it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes tal-presenti proċedura kontra tagħhom.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**